MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Numru. 668/2009

Il-Pulizija
(Sp Bernard Spiteri)
vs
Carmelo Fenech, iben Saviour, imwieled Pieta' fit-23 ta' Settembru, 1957

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-11 ta' Lulju, 2009, ġewwa r-residenza li ġġib in-numru 52, 'Maranta', Triq il-Gallina, San Gwann f'xi ħin bejn il-5.30 p.m. u is-6.00 p.m. bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Clayton James Fenech, Alison Fenech u terżi persuni biża' li ser tittuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom;

2. talli fl-istess data, lok u ħin hedded bil-ġebel jew b'ħwejjeġ oħra iebsin, waddab u/jew qabad arma kontra Clayton James Fenech, Alison Fenech u/jew terżi persuni. Il-Qorti ġiet mitluba, li minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Clayton James Fenech, Alison Fenech u/jew terżi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, turbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 251B(1) u 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda timponi Ordni ta' Probation fuq l-imputat għal żmien tlett snin mill-lum taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-probation. L-imputat għandu jsegwi program għar-riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tax-xorb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------